**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**
**MAGISTRAT DR. GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**L-Ufficjal Principali ta' l-Immigrazzjoni**
**(Spettur Karl Roberts)**
**Vs**
**Woldu Muluwongel**

**Illum 10 ta' Gunju 2021**

**Il-Qorti**,

Rat l-imputazzjoni migjuba fil-konfront ta' Woldu Muluwongel, bint Woldu u Aveva, imwielda Harer - Eritrea, fl-1 ta' Ottubru 1986, residenti gewwa 19, Race Course Street, Marsa u detentrici ta' Permesso di Soggiorno numru I04949834 u Titolo Di Viaggio bin-numru 3946, talli fid-9 ta' Gunju 2021 u/jew fil-jiem, gimghat jew xhur ta 'qabel din id-data gewwa dawn il-Gzejjer:

1. Sabiex tikseb xi vantagg jew beneficcju ghaliha nnifisha jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtoriá pubblika jew awtorità ohra, xjentement ghamlet dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ipprovdiet taghrif falz u dan bi ksur ta 'l-Artikolu 188(1) u (2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta 'Malta;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta 'htija, il-Qorti tikkundanna lill-imputata ghall-hlas ta 'spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta 'esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta 'Malta;

Rat id-dokumenti kollha esebiti mill-Prosekuzzjoni senjatament: (i) Passaport ta' l-imputata, esebit "*animo ritirandi*" - Dok. "A"; (ii) *Permesso di soggiorno* ta' l-imputata esebit *"animo ritirandi*" - Dok. "B"; (iii) Stqarrija rilaxxata mill-imputata - Dok. "C"; (iv) Il-*personal details form* ta' l-imputata - Dok. "D"; (v) Il-fedina penali ta' l-imputata - Dok. "E"; (vi) Rapport tal-Pulizija dwar il-kaz - Dok. "F"; (vii) Rakkomandazzjoni tar-Refugee Commissioner - Dok. "Ga" u Dok. "Gb"; (viii) Vera fotokopja tal-*Permesso di Soggiorno* ta' l-imputata - Dok. "H"; (xi) Vera fotokopja tal-passaport ta' l-imputata - Dok. "I"; u (x) Dokument mahrug mill-Pulizija ta' l-Immigration - Dok. "J";

Rat li l-imputata rregistrat ammissjoni ghall-imputazzjoni migjuba fil-konfront taghha, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputata wara li l-Qorti a tenur ta 'l-Artikolu 453(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta 'Malta, avzatha bil-konsegwenzi legali ta 'dik l-ammissjoni u kkoncedietilha zmien bizzejjed biex terga' tikkonsidra t-twegiba taghha u terga' lura minnha.

Semghat is-sottomissjonijiet dwar il-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

L-imputata qed tigi akkuzata talli fid-9 ta' Gunju 2021 u/jew fil-jiem, gimghat jew xhur ta ' qabel din id-data gewwa dawn il-Gzejjer, sabiex tikseb xi vantagg jew beneficcju ghaliha nnifisha jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorità pubblika jew awtorità ohra, xjentement ghamlet dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ipprovdiet taghrif falz u dan bi ksur ta 'l-Artikolu 188(1) u (2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta 'Malta.

L-imputata ddikjarat li hija hatja ta' l-imputazzjoni dedotta fil-konfront taghha u fid-dawl ta' tali ammissjoni l-Qorti ssibha hatja ta' l-imputazzjoni hekk dedotta kontriha.

Ghall-finijiet ta 'piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatt li l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri tal-proceduri kif ukoll il-fatt li l-imputata ghandha fedina penali netta.

Ghaldaqstant wara li rat u kkunsidrat l-Artikolu 188(1) u (2) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta 'Malta, il-Qorti, filwaqt li ttenni li qed issib lill-imputata hatja ta' l-imputazzjoni dedotta fil-konfront taghha, tikkundannaha ghal sena (1) prigunerija, izda peress illi f'dan il-kaz jissussistu cirkostanzi, senjatament l-ammissjoni bikrija ta' l-imputata u l-fedina penali netta taghha, in bazi ghal liema hemm lok li t-terminu ta' sena (1) prigunerija hawn impost fuq l-imputata jiġi sospiż, a tenur ta' l-Artikolu 28A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta tissosspendi l-imsemmi terminu ta' sena (1) prigunerija ghall-perijodu ta' sena (1) mil-lum.

A tenur ta 'l-Artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta 'Malta, il-Qorti spjegata lill-imputata bi kliem car ir-responsabilità taghha taht l-Artikolu 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta 'Malta jekk hija tikkommetti, matul il-perijodu operattiv ta 'din is-sentenza sospiza, reat li ghalih hemm piena ta 'prigunerija.

Il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta 'htija tikkundanna lill-imputata thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti skond l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta 'Malta, stante li f'dawn il-proceduri ma kienx hemm il-hatra ta 'esperti jew periti.

Ai termini ta' l-Artikolu 534AD tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti infurmat lill-imputata bid-dritt taghha li tinghata kopja tas-sentenza f'lingwa li tifhem. L-imputata tiddikjara li tixtieq kopja tas-sentenza bil-lingwa Tigrija, ghaldaqstant il-Qorti qed tinnomina lil Dounia Borg sabiex taghmel traduzzjoni tas-sentenza mil-lingwa Maltija ghal-lingwa Ingliza u qed tinnomina wkoll lil Kidane Solomon biex jaghmel traduzzjoni mil-lingwa Ingliza ghal-lingwa Tigrija.

**MAGISTRAT**

**DEPUTAT REGISTRATUR**